MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-28 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 963/2010

**H.S.B.C. Bank Malta p.l.c.**

**-vs-**

**Henry u Irene konjuġi Xuereb u binthom Christina Xuereb, u din għal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentata fl-24 ta' Settembru 2010 li permezz tiegħu l-banka rikorrenti ppremettiet:

1. Illi fil-11 ta' Diċembru 2008 ġiet liberata, a favur tar-rikorrenti s-segwenti proprjeta', u ċjoe':

Il-*flat* numru għaxra (10) fir-raba' sular formanti parti minn blokk ta' bini bl-isem "Macem Court" li jikkonsisti f'erbatax-il *flat* u seba' garaxxijiet, f'Sir Gorg Borg Street, ġja' Point Street, Sliema, inkluża l-*washroom* numru għaxra (10),

fuq il-bejt, wieħed minn wieħed u għoxrin indiviż tal-pedamenti u tal-ħitan tal-appoġġ u s-sehem ta’ wieħed minn erbatax-il indiviż tal-partijiet komuni l-oħra kollha fl-imsemmi blokk, kif soġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta’ erba’ Ewro u sitta u sittin ċentenżmu (€4.66) bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu u bil-prezz komplessiv ta’ wieħed u ħamsin elf Ewro (€51,000) *animo compensandi* kif jirriżulta mill-anness dokument A.

2. Illi dan il-fond kien jappartjeni lill-intimati Henry u Irene konjugi Xuereb u huwa llum okkupat u detenut mill-istess intimati u binthom Christina, u dana abbużivament u mingħajr ebda titolu validu fil-liġi u kif jirriżulta mill-annessa kopja fotostatika ta’ estratt mir-Reġistru Elettorali – Dokument B;

3. Illi s-soċjeta’ rikorrenti tixtieq tiżgombra lill-intimati mill-proprjeta’ in kwistjoni u għalkemm l-istess intimati ġew interpellati sabiex jagħmlu dan huma baqgħu inadempjenti;

4. Illi jeżistu l-elementi kontemplati fl-artikolu 167 sa 170 tal-Kapitolu Tnax (12) tal-Liġijiet ta’ Malta għal eżenzjoni mis-smiegħ billi fil-fehma tas-soċjeta’ rikorrenti l-intimati m’għandhomx eċċezzjonijiet xi jġibu kontra dina t-talba ta’ żgumbrament u dana kif jirriżulta wkoll mill-anness affidavit dokument C;

Għaldaqstant, dina l-Onorabbli Qorti qegħda tiġi mitluba sabiex, għar-raġunijiet premessi u bid-dispensa tas-smiegħ a tenur tal-artikolu 167 sa 170 tal-Kapitolu Tnax (12) tal-Liġijiet ta’ Malta:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati qegħdin jokkupaw u jiddetjenu abbuzivament u mingħajr ebda titolu validu fil-liġi, il-proprjeta’ fuq imsemmija, u ċjoe’ l-*flat* numru għaxra (10) fir-raba’ sular tal-bini msejjaħ “Macem Court” f’Sir Gorg Borg Street, ġja’ Point Street, tas-Sliema, inkluża l-*washroom* numru għaxra (10) sitwata fuq il-bejt u sehma mill-partijiet komuni aħjar fuq deskritti;

2. Tordna, għalhekk, l-iżgumbrament tal-intimati mill-istess imsemmija proprjeta' u dana fi żmien qasir u perentorju li jiġi ffissat lilhom minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati li minn issa jibqgħu mħarrka għas-subizzjoni u salv kull azzjoni oħra nkluża dik għad-danni spettanti lis-soċjeta' rikorrenti kontra l-intimati skond il-liġi.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-banka rikorrenti u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati naqsu li jippreżentaw risposta ġuramentata u għalhekk huma kontumaċji skond il-liġi;

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Jannar 2011 li permezz tiegħu l-Qorti ddeferiet il-kawża għas-sentenza wara li l-banka attriċi ressqet il-provi tagħha;

Ikkunsidrat.

Illi l-rikorrenti qed jitolbu li l-konvenuti jiġu żgumbrati mill-fond in kwistjoni, u dan peress li l-istess banka akkwistat il-fond stess permezz tal-proċeduri tas-subasta u li l-atti relattivi gew esebiti debitament. Il-konvenuti ma ressqux provi u kwindi ma rribattewx il-prova mressqa skond l-atti preżentati u għalhekk it-talba attriċi tirriżulta ġustifikata.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha attriċi, u għall-fini tat-tieni talba tordna li konvenuti jiżgumbraw mill-proprjeta' in kwistjoni fi żmien xahar.**

**L-ispejjeż ikunu a kariku tas-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------